**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 23**

**Avviz Nru: 1480/01 JB**

**Gilbert Agius**

**vs**

**Keith Galea**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm265.00c (mitejn u hamsa u sittin lira Maltin) rapprezentanti danni lill-vettura, kkagunati minn sewqan negligenti u nuqqas t'osservanza tar-regoli tat-traffiku tal-konvenut.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez

stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tieghu, izda gara unikament o tort u htija ta' Gilbert Agius, is-sewwieq tal-vettura numru IAG 807 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidera

Illi l-lok tal-kollizzjoni huwa speci t' inkrocju li minn Triq Santu Wistin taghti ghal St Andrew's Road u effettivament ir-Regional Road. Huwa pacifiku li hija arterja principali ta' traffiku hemm diversi toroq li jisporgju jew jisparaw minnu u ferm traffikuz. Il-grad t'attenzjoni huwa l-massimu ta' dak li hu rikjest fis-sewqan mill-istess utenti, specjalment fis-sieghat bikrin ta' filghodu.

Mhux kontestat li l-attur kien hiereg minn triq sekondarja ghal wahda principali, ossia minn fejn kien gej il-konvenut. Ir-regolamenti tat-triq specjalment il-High Way Code fl-Art 213 jistipulaw li l-precedenza tirispetta lil dik il-vettura li qed thalli triq principali biex tidhol f'dik sekondarja. Barra minn hekk, ghandhu jinzamm ' a most proper look out' mill-vettura emergenti b'sens ta vizwali f'kull direzzjoni sabiex ma tipprestax ruhu ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. F'dan is-sens vide sentenza tal-Qorti Appell Superjuri – Citadel Insurance Plc vs Martin Vella. Sabiex okkorriet il-kollizzjoni xi att ta' negligenza jew nuqqas

t'ottemperanza mal-istess regolament tat-traffiku, ghax kieku gara kif xehdu l-kontendenti, u del resto kif korroborati mill-passiggieri feminili rispettivi taghhom, il-kollizzjoni qatt ma kella tissussisti. Pero' gara l-oppost tant li spiccaw quddiem dan it-Tribunal.

Dak li huwa preokkupanti ghat-Tribunal huwa, apparti x-xhieda okulari, hemm zewg fatturi ossia l-esistenza tal-brake marks u l-posizzjoni kif rizultanti mill-iskizz.  L-attur ma qabilx mal-posizzjoni  tal-vetturi, filwaqt li l-konvenut ma qabilx mal-brake marks.  Ghandu jinghad ghal fini ta' korrettezza mal-ufficcjali nvestigattiv li ma giex addebitat lilhu l-ebda parzjalita', u ghalhekk huwa fedelment irraporta dak li vizwalment okkorrilhu.

Il-vettura tal-attur tinsab ferm il-barra mill-proprja karreggjata mmaginarja taghha.  Ma kienx qieghda lejn ix-xellug – fejn suppost.  Veru li kien hemm vettura pparkjata pero' dana aktar l-isfel.  Ghaliex ghafas il-brake?  Ghax ra emergenza quddiem fejn tfaccat vettura li kienet qed tostakula l-liberu passagg tieghu. Ipprova jevitah izda inutilment. L-attur ma kellux ikun f'dik il-posizzjoni

Illi huwa l-oneru tal-attur li jipprova l-htija ghas-sinistru fuq bilanc ta' probabilitajiet.  Dana huwa ma rnexxilu jiskarigah, u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghux jigu akkolti.  Ara f'dan is-sens Micallef Insurance Agency Limited vs George Vella (Mag. Inf. JAB).

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jakkolji l-eccezzjoni tal-konvenut, u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**